**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius)**
**(Spettur Ritianne Gauci)**

**Vs**

**Stephen Zammit**

**Illum 29 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Stephen Zammit ta' ħamsa u ħamsin (55) sena, iben Charles u Dolores neè Mercieca, imwieled Ħ'Attard fil-15 ta' Mejju 1966, residenti 17, Triq Victor Denaro, Msida, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 211266(M), talli:

1. Nhar is-6 ta' Diċembru 2021, nhar it-12 ta' Diċembru 2021 u nhar l-14 ta' Diċembru 2021, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Eurosport li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ikkommetta serq ta' ħwejjeġ, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Eurosport Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;
2. U aktar talli bejn is-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) ta' nhar l-24 ta' Diċembru 2021 u s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs) ta' nhar l-24 ta' Diċembru 2021, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Teamsport li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, ikkommetta serq ta' ħwejjeġ, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Darmanin Footwear Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;
3. U aktar talli bejn is-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs) ta' nhar l-24 ta' Diċembru 2021 u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) ta' nhar l-24 ta' Diċembru 2021, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioè li jikkometti serq minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Eurosport li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, u li kieku seħħ kien ikun għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Eurosport Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġt. Dr. Nadine Lia LL.D.) b'Digriet datat 9 ta' Lulju 2021, li permezz tagħhom ingħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi

kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest;

5. U aktar talli bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2021 u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2021, sab ħwejjeġ li kienu naqsu lil Ohta Yoshiki jew li dan kien tilef, ma għarrafx bihom, fi żmien tlett ijiem, lill-Pulizija Eżekuttiva;
6. U finalment talli nhar is-6 ta' Diċembru 2021, nhar it-12 ta' Diċembru 2021, nhar l-14 ta' Diċembru 2021 u nhar l-24 ta' Diċembru 2021, irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, flimkien mal-piena skond il-Liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-Digriet li bih Stephen Zammit ingħata l-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u kif ukoll tordna li s-sommom bħala depożitu u garanzija personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, ossia l-Fedina Penali ta' l-imputat markata Dok. "A", l-istqarrija ta' l-imputat markata Dok. "B", rapporti tal-Pulizija relattivi għall-imputazzjonijiet formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri markati Dok. "C" sa' Dok. "E", riċevuta ta' l-oġġetti elevati mill-pussess ta' l-imputat markata Dok. "F", Karta ta' l-Identità ta' l-imputat markata Dok. "G", American Express Card formanti l-mertu tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat markata Dok. "H", u rat l-oġġetti esebiti mill-Prosekuzzjoni ossia, il-ħwejjeġ li l-imputat ittenta jisraq mill-istabbiliment TeamSport markati Dok. "I" u l-għodda li l-imputat kien qed juża fis-serq minnu ttentat markata Dok. "J";

Rat id-Digriet u kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia nhar id-9 ta' Lulju 2021, esebit mill-Prosekuzzjoni fis-27 ta' Diċembru 2021 u rat Certifikat tat-Twelid ta' l-imputat immarkat Dok.RG1.

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa ' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa 'lura minnha;

Semgħat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkunsidrat:

L-imputat qed jiġi akkużat talli: (1) nhar is-6 ta' Diċembru 2021, nhar it-12 ta' Diċembru 2021 u nhar l-14 ta' Diċembru 2021, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Eurosport li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ikkommetta serq ta' ħwejjeġ, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Eurosport Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra; (2) u aktar talli bejn is-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) ta' nhar l-24 ta' Diċembru 2021 u s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs) ta' nhar l-24 ta' Diċembru 2021,

ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Teamsport li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, ikkommetta serq ta' ħwejjeġ, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Darmanin Footwear Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra; (3) u aktar talli bejn is-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs) ta' nhar l-24 ta' Diċembru 2021 u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) ta' nhar l-24 ta' Diċembru 2021, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioè li jikkometti serq minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Eurosport li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, u li kieku seħħ kien ikun għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Eurosport Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra; (4) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġt. Dr. Nadine Lia LL.D.) b'Digriet datat 9 ta' Lulju 2021 li permezz tagħhom ingħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest; (5) u aktar talli bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2021 u l-ħames ta' wara nofsinhar (17:00hrs) ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2021, sab ħwejjeġ li kienu naqsu lil Ohta Yoshiki jew li dan kien tilef, ma għarrafx bihom, fi żmien tlett ijiem, lill-Pulizija Eżekuttiva; (6) u finalment talli nhar is-6 ta' Diċembru 2021, nhar it-12 ta' Diċembru 2021, nhar l-14 ta' Diċembru 2021 u nhar l-24 ta' Diċembru 2021, irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta 'piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat u li ġew minnu ammessi, il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u l-fatt li fis-sottomissjonijiet orali kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża ssottomettew li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna u s-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation minħabba l-vizzju tad-droga u sabiex ma jerġax iwettaq reati oħra. Apparte minhekk, dejjem minħabba l-vizzju tad-droga, jinħieġ li jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament biex jieħu l-kura u t-trattament meħtieġa għall-fini tar-rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga.

In kwantu rigwarda l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta ta' l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fid-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia datat 9 ta' Lulju 2021, liema konfiska tikkonsisti f'parti mill-piena prevista mill-Liġi għall-ksur ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, jiġi osservat li dan l-artikolu tal-Liġi in segwitu għall-emendi introdotti bl-Att XXIX ta' l-2021, illum ġie jaqra hekk: *Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u* ***l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu***

***jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat[1].***

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta hija tassattiva iżda l-Qorti għandha d-diskrezzjoni tordna li l-istess tkun fl-intier tagħha jew *in parte*, u dana skond il-gravità tar-reat in kwistjoni. Jiġi rilevat li fil-każ in eżami, in kwantu l-imputat qed jiġi akkużat bil-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest *qua* reat, il-provvedimenti tal-*proviso* ta' l-Artikolu 579(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibux applikazzjoni.

Fil-każ in eżami r-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat u li ġew minnu ammessi jikkonsistu, oltre r-reat tal-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest, f'serq sempliċi u attentat ta' serq sempliċi u f'-kontravvenzjoni kontra l-proprjetà. Għalkemm il-Qorti mhux qed timinimizza dak li għamel l-imputat, ma tistax tinjora l-fatt li l-grad tal-gravità ta' dawn ir-reati hu li hu. In effetti l-iktar fattur gravi mwettaq mill-imputat huwa li huwa wettaq dawn ir-reati waqt li kien taħt ħelsien mill-arrest bid-Digriet mogħti fid-9 ta' Lulju 2021, ossia biss ftit xhur qabel.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li r-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat u li ġew minnu ammessi ma humiex ta' gravità tali li għandhom iwasslu għall-konfiska ta' l-ammont intier ta' €5,800 stabbilit fid-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest datat 9 ta' Lulju 2021 u lanqas għandhom iwasslu għar-revoka *contrario imperio* ta' l-istess Digriet u l-konsegwenti ri-arrest ta' l-imputat, iżda temmen li konfiska *in parte* tad-depożitu stabbilit fl-imsemmi Digriet tad-9 ta' Lulju 2021 hija sanzjoni adegwata f'dan il-każ. Għaldaqstant tqis li mid-depożitu ta' €800 stabbilit fid-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia, għandha tiġi ikkonfiskata s-somma ta' **€600**.

Hawn il-Qorti tosserva li una volta li l-konfiska se tkun biss ta' parti mid-depożitu ta' €800 impost bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 9 ta' Lulju 2021, sabiex l-imputat ikun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bl-imsemmi Digriet, wara tali konfiska parzjali tad-depożitu, huwa jkollu jerġa jiddepożita l-ammont hekk konfiskat, ossia s-somma ta' €600, u b'hekk jerġa' jagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu soġġett għar-ri-arrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 49, 50, 284, 285, 289, 340(ċ) u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib, fuq ammissjoni tiegħu stess, lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu iżda peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa: (a) fl-interess li jiġi assigurat li huwa jirribailita ruħu mill-vizju tad-droga, (b) sabiex jieħu t-trattament u kura għall-abbuż tad-droga; u (ċ) anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li l-imputat iwettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

---

[1] Enfasi tal-Qorti.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jagħmel reat ieħor tul iż-żmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Probation jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputat tingħata lill-istess imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tas-somma ta' sitt mitt Euro (€600) mid-depożitu ta' tmien mitt Euro (€800) stabbilit fid-Digireit għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) prejseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia, datat 9 ta' Lulju 2021.

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa sabiex jirriabilita ruħhu mill-vizzju tad- droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**